

KWESTJONARJU LILL-KUMMISSARJU NNOMINATA**Roxana MÎNZATU****Viçi President Eżekuttiv għan-Nies, il-Ħiliet u l-Preparatezza****1. Kompetenza ġenerali, impenn Ewropew u indipendenza personali**

X'aspetti tal-kwalifiki u l-esperjenza personali tiegħek huma partikolarment rilevanti biex issir Kummissarju u tippromwovi l-interess ġenerali Ewropew, b'mod partikolari fil-qasam li tkun responsabbli minnu? Kif se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni? Kif se timplimenta u tintegra l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-oqsma ta' politika kollha tal-portafoll tiegħek? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva taż-żgħażaġh?

X'garanziji ta' indipendenza tista' tagħti lill-Parlament, u kif tista' tiżgura li kull attività li wettaqt, li qed twettaq jew li se twettaq ma tkunx tista' tqajjem dubji dwar it-twettagħ ta' dmirijietek fi ħdan il-Kummissjoni?

Il-wegħda tal-Unjoni Ewropea storikament unika tagħna hija l-paċi u l-prosperità, mibnija fuq it-taħlita qawwija ta' kompetittività u l-mudell soċjali Ewropew: għandna d-dmir li nżommuha din il-wegħda.

Twelidt ir-Rumanija, matul l-aktar era mudlama tad-dittatorjat Komunista. L-ewwel sejħiet kuraġġużi u pubbliċi għal-libertà u l-ġustizzja soċjali seħħew f'belti, Braşov, fil-15 ta' Novembru 1987. Filwaqt li dak l-irvell ġie soppres mir-reġim Komunista, dik l-ispinta ta' tama reġġiet feġġet f'Diċembru 1989 bir-rivoluzzjoni Rumena u wittiet it-triq għal direzzjoni ġdida għal pajjiżi, bl-UE tkun kemm wegħda kif ukoll ħolma. Dawk is-sagrifiċċi umani għall-valuri u d-drittijiet li jinsabu fid-DNA tal-UE, bħad-dinjità tal-bniedem, id-demokrazzja, il-libertà, il-ġustizzja, u l-istat tad-dritt, minn dejjem servew ta' boxxla u ispirazzjoni għalija u għall-ġenerazzjoni tiegħi, li għexet bis-sħiħ f'salib it-toroq tad-destin politiku tagħna. Kemm ir-Rumanija kif ukoll l-UE għamlu progress kbir fi kważi nofs seklu. U nkun onorata li nkun parti mill-vjaġġ tagħna 'l quddiem.

Għandi aktar minn għoxrin sena esperjenza professjonali fl-affarijiet Ewropej. Ħdimt f'livelli differenti, mill-Kunsill tal-Kontea, għall-Parlament Nazzjonali, għall-gvern nazzjonali, għall-Parlament Ewropew. Dan tani għarfien profund tal-potenzjal tal-UE, u dak li jeħtieġ li nagħmlu biex inservu. Bħala Ministru jew Segretarju tal-Istat, ikkoordinajt il-programmi tar-Rumanija taħt il-Fond Soċjali Ewropew, billi implimentajt politiki u riformi bħal riforma sistemika tal-akkwist pubbliku jew tal-leġiżlazzjoni u l-investment tar-Rumanija li jgħinu lil dawk l-aktar fil-bżonn, lill-persuni b'diżabilità, u l-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol, u li jwasslu għal ħajja aħjar għal kulħadd. Irrappreżentajt lil pajjiżi fil-Kunsill. Dejjem wettaqt id-dover tiegħi b'passjoni, ambizzjoni, responsabbiltà u empatija, filwaqt li poġġejt il-politika għas-servizz tan-nies. Jekk niġi kkonfermata, bħala Viçi President Eżekuttiv beħsiebni npoġġi l-istess passjoni u ambizzjoni għall-implimentazzjoni tal-Linji Gwida Politiċi, kemm għar-responsabbiltajiet speċifiċi fil-portafoll tiegħi, kif ukoll minħabba r-responsabbiltajiet ta' koordinazzjoni usa' tiegħi bħala Viçi President Eżekuttiv.

Bħala Viçi President Eżekuttiv innominat għan-Nies, il-Ħiliet u l-Preparatezza, jien privileġġjata li jkolli n-"nies", id-drittijiet u l-opportunitajiet tagħhom, fil-qofol tal-azzjoni politika tiegħi. Abbażi tal-Ittra ta' Missjoni tiegħi mill-President elett von der Leyen, beħsiebni naħdem mal-kollegi tiegħi fil-Kulleġġ biex inwettagħ aġenda ambizzjuża. Neħtieġu Ewropa soċjali b'saħħitha, li tisfrutta l-leġiżlazzjoni, l-investment u l-koordinazzjoni tal-politika biex niġġieldu l-faqar, nipromwovu l-prosperità, u niżguraw il-ġustizzja. Ma nistgħux naffordjaw li nitraskuraw lil uliedna, li se jsiru bennejja u benefiċjarji ta' Ewropa aħjar, jew li naċċettaw l-esklużjoni ta' dawk żvantaġġati fis-soċjetà tagħna. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali se jkompli jiggwida l-azzjonijiet tagħna biex insaħħu l-Ewropa Soċjali. Pjan ta' Azzjoni ġdid, li beħsiebi nipproponi fl-2025, se jibni fuq djalogu u involviment imġedda mal-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri u s-Sħab Soċjali. Se nivvjaġġa lejn kull Stat Membru biex navvanza dan id-djalogu u nasal għal impenn aktar b'saħħtu msejjes fuq l-azzjoni. U għandi l-għan li nikkonkludi Patt ġdid għad-Djalogu Soċjali, biex inkebbes enerġija ġdida għal politiki Ewropej aktar effettivi, abbażi tal-kontribut tal-atturi soċjali ewlenin.

Iż-żieda fil-kompetittività u l-produttività trid timxi id f'id mal-għoti tas-setgħa lin-nies. Dan l-approċċ komplementari huwa l-bażi għal mudell soċjali b'saħħtu. Mudell ta' kompetittività sostenibbli jista' jeżisti biss bi drittijiet soċjali u pagi deċenti. L-Unjoni tal-Filiet, il-Pjan Industrijali Nadif u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali huma kollha elementi kostitwenti indispensabbli għall-futur.

L-indirizzar tad-diskrepanzi fix-xogħol jeħtiegħ approċċ doppju msawwar fuq il-forniment u l-portabbiltà tal-filiet. Nafferma bil-qawwi li l-filiet huma dritt soċjali, fejn l-edukazzjoni u t-taħriġ għal kulħadd jibdeu mit-tfulija u jkomplu tul il-ħajja tax-xogħol kollha, filwaqt li jipprovdu opportunitajiet għal ħajja sodisfatta, u għar-reżiljenza soċjali u ekonomika, ukoll. L-implimentazzjoni tal-investment fin-nies permezz tal-appoġġ tal-UE, kif ukoll il-ħidma mas-settur privat għal aktar provvista ta' filiet huma kruċjali. Barra minn hekk, huma meħtieġa wkoll miżuri biex tiġi żgurata l-portabbiltà tal-filiet. Mhux se noqgħod lura milli naħdem lejn qafas legali ambizzjuż biex nappoġġa r-rikonossiment reċiproku u l-progress kollu meħtieġ f'negozjati oħra li għaddejjin bħalissa u l-implimentazzjoni tal-acquis tas-suq tax-xogħol.

Il-Kummissjoni li jmiss se tkun Kummissjoni ta' Investment. Dan jinkludi l-investment fin-nies. Se niffoka fuq l-ingranaġġ tal-Fond Soċjali Ewropew, Erasmus+ u l-Fond Soċjali għall-Klima, biex niksbu l-aspirazzjonijiet tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, biex niżguraw tranżizzjoni ġusta u biex inżidu l-filiet u l-kompetittività tagħna. Għal dan l-għan, it-tiżiż tar-rabtiet bejn l-investment u r-riformi huwa kruċjali u t-tnejn għandhom ikunu allinjati mal-oġġettivi u l-prijoritajiet tal-UE, biex jiffokaw fuq fejn l-azzjoni tal-UE hija l-aktar meħtieġa.

L-isforzi ġenerali tal-Kummissjoni li jmiss biex tiproteġi d-demokrazzja u ssaħħaħ l-istat tad-dritt huma ta' importanza partikolari. It-titjib tal-kisba edukattiva, it-tiżiż tal-ugwaljanza u d-drittijiet soċjali kollha jagħtu kontribut kruċjali għat-tiswir tar-reżiljenza demokratika u l-appoġġ għall-istat tad-dritt f'perjodu meta qed niffaċċjaw theddid awtoritarju u interferenza esterna.

Se niggwida wkoll il-ħidma biex titrawwem kultura integrata ta' thejġija, ngħinu lin-nies u lis-soċjetà kollha kemm hi jadattaw għall-isfidi futuri, u nitħejjew biex nirreaġixxu b'mod effettiv u f'waqtu għal theddid ġdid li jaf niffaċċjaw.

Bħala sostenitur qawwi tad-drittijiet tan-nisa, jiena kburiya li nagħmel parti mit-tmexxija tal-istituzzjonijiet Ewropej u nħoss dmir speċjali li niġġieldu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala valur ewleni u bħala faċilitatur tal-ħajja demokratika u ta' ekonomija aħjar. Nimpenja ruħi li nuri bl-azzjonijiet tiegħi li l-Unjoni tista' tikber u ssir aktar b'saħħitha permezz tal-ugwaljanza u s-solidarjetà. Fl-inizjattivi kollha tiegħi, se nimmira li niġġield għat-tiżiż tal-pożizzjoni tan-nisa u li nipromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Se naħdem mill-qrib mal-Kummissarju għall-Ugwaljanza f'dan l-isforz, kif ukoll mal-Kulleġġ tal-Kummissarji kollu. Fil-ħidma tiegħi biex nilħqu l-miri soċjali ewlenin tal-2030 dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, għandi l-għan li nnaqqas mill-inqas bin-nofs id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjegi meta mqabbla mal-2019, nimplimenta l-miri l-ġodda ta' Barċellona dwar l-edukazzjoni u l-indukrar bikri tat-tfal, u nsaħħaħ il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, inkluż fit-telexogħol.

Wasal ukoll iż-żmien li l-UE tikkonsolida l-fiduċja tal-ġenerazzjoni l-ġdida. Ninsab ħerqana għall-ewwel Djalogi tal-Politika maż-Żgħażaġħ, li nibda fl-ewwel mitt jum tal-mandat tiegħi. Neħtieġu formati flessibbli biex ninvolvu liż-żgħażaġh, mhux biss permezz ta' dan id-Djalogu ta' Politika annwali iżda wkoll dwar kwistjonijiet ewlenin speċifiċi, billi napplikaw il-verifika taż-żgħażaġh għal firxa šiħa ta' inizjattivi taħt ir-responsabbiltà tiegħi. Se nimpenja ruħi mal-bqija tal-Kulleġġ biex niżgura l-implimentazzjoni tal-integrazzjoni taż-żgħażaġh.

Jekk niġi kkonfermata, bħala Vċi President Eżekuttiv nimpenja ruħi li nwettaq dmirijiet b'indipendenza šiħa u bl-oġħla standards etiċi, fl-interess ġenerali tal-Unjoni. Se nirrispetta l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Kummissarji, filwaqt li nevita kwalunkwe sitwazzjoni li tiddubita l-indipendenza u l-integrità tiegħi u li ninforma lill-President tal-Kummissjoni dwar kwalunkwe kunflitt ta' interess potenzjali. La jien se nfittex u lanqas se nieħu struzzjonijiet minn xi Gvern jew istituzzjoni, korp, uffiċċju jew entità oħra. Anke wara li ntemm dmirijiet, nimpenja ruħi li niżgura l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni u li nirrispetta r-regoli dwar il-ħatriet u l-benefiċċji. Nimpenja ruħi li nikkonforma mal-obbligi ta' trasparenza u niltaqa' biss ma' dawk l-organizzazzjonijiet jew individwi li jaħdmu għal rashom li huma rreġistrati fir-Reġistru ta' Trasparenza.

2. Ġestjoni tal-portafoll u kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew

Tista' timpenja ruħek li tinforma kif xieraq lill-Parlament dwar l-azzjonijiet tiegħek u dawk tad-dipartimenti tiegħek? F'liema rigward tqis lilek innifsek responsabbli fil-konfront tal-Parlament?

X'impenji speċifiċi lesta li tiegħu f'termini tal-involvement tiegħek mal-Parlament u tal-preżenza tiegħek fih, kemm fil-livell ta' kumitat kif ukoll f'dak tal-plenarja, kif ukoll f'termini ta' trasparenza, kooperazzjoni u segwitu effettiv għall-pożizzjonijiet tal-Parlament u għal talbiet għal inizjattivi leġiżlattivi? B'rabta mal-inizjattivi pjanati jew il-proċeduri li għaddejjin, lesta tippovdi lill-Parlament l-informazzjoni u d-dokumenti bl-istess mod bħalma tagħmel mal-Kunsill?

Ma nistgħux niksbu riżultati għaċ-ċittadini tagħna, u ma nistgħux nibqgħu konnessi bis-sħiħ mal-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet tagħhom mingħajr ma nimpenjaw ruħna għal djalogu konsistenti u nħejju ħidma mill-qrib mar-rappreżentanti diretti tagħhom — intom, il-membri tal-Parlament. Flimkien, il-Kummissjoni u l-Parlament, nikkontribwixxu għal Unjoni aktar b'saħħitha. Matul il-karriera politika tiegħi, servejt bħala uffiċjal lokali, nazzjonali u Ewropew elett. Ipprattikajt kooperazzjoni parlamentari, djalogu interistituzzjonali u ħdimt għal sinerġiji politiċi. Bħala Ministru, ippromwovejt b'mod proattiv djalogu onest u pragmatiku mal-Parlament nazzjonali tiegħi. Dan kien prinċipju li ggwidani, lil hinn mid-dmirijiet formali.

Jekk niġi kkonfermata, bħala Viċi President Eżekuttiv nimpenja ruħi li nieħu responsabbiltà politika lejn il-Parlament għall-attivitàjiet taħt il-portafoll tiegħi, mingħajr preġudizzju għall-prinċipju tal-Kulleġġjalità. Nimpenja ruħi li ninvolvi ruħi f'relazzjoni speċjali bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, u għal trattament ugwali tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-kondiviżjoni tal-informazzjoni mal-istituzzjonijiet, kif stabbilit fil-Ftehim Qafas tal-2010 bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni. .

L-involvement mal-Parlament Ewropew huwa ta' importanza fundamentali għalija, u se nikkontribwixxi għat-tiżi tar-relazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Parlament kemm fil-livell tal-Kulleġġ kif ukoll fl-oqsma fil-portafoll tiegħi. Nimpenja ruħi li ninforma kif xieraq lill-Parlament Ewropew dwar l-azzjonijiet tiegħi u tad-dipartimenti tiegħi. Nixtieq ukoll naħdem mal-Parlament biex inwettagħ il-proġett Ewropew tagħna u ninvolvi liċ-ċittadini: il-ħidma flimkien biex niffukaw aktar fuq kif il-politiki u l-liġijiet tagħna jiġu implimentati fil-prattika fil-livell nazzjonali, tista' turi kif qed naħdmu biex inwasslu l-benefiċċji tal-UE liċ-ċittadini u lin-negozji.

It-trasparenza hija kritika għat-teħid tajjeb ta' deċiżjonijiet. Nemmen li l-preżenza regolari fil-kumitati ewlenin li se nittratta, se tispira kultura ta' fiduċja, trasparenza u kolleġġjalità, li hija kritika għall-ħidma konġunta tagħna, biex ninvolvu ruħna mal-Parlament fl-istadji kollha tal-proċess tat-tfassil tal-politika. Biex inkun preżenti fid-dibattiti plenarji, fil-kumitati u fit-trilogi, se norganizza djalogi strutturati mal-kumitati Parlamentari tiegħi, biex infassal triq 'il quddiem għal kwalunkwe Riżoluzzjoni tal-Artikolu 225 tat-TFUE adottata mill-Parlament li titlob proposti leġiżlattivi.

Nemmen li l-eżerċizzju tal-kontroll Parlamentari u tal-inizjattiva Parlamentari jeħtieġ li jinbena fuq djalogu mal-Kummissjoni. Filwaqt li nżomm f'moħħi l-prinċipji tal-kolleġġjalità u tal-ugwaljanza, nemmen li l-Viċi Presidenti Eżekuttivi għandhom responsabbiltà speċjali f'termini ta' djalogu ma' din il-Kamra.

Jien għandi l-għan li nibni relazzjoni bbażata fuq il-ftuħ, it-trasparenza, il-fiduċja reċiproka, l-effiċjenza, id-djalogu kostanti, ir-rappurtar regolari u l-iskambju ta' informazzjoni. Dan biex il-Parlament ikun jista' jeżerċita s-sorveljanza demokratika tiegħu b'mod effettiv, iżda wkoll bil-ħsieb li jinbena kunsens dwar l-azzjoni politika. Se niżgura t-trasparenza u l-fluss tal-informazzjoni mal-Parlament, b'mod partikolari qabel l-avvenimenti ewlenin u fl-istadji ewlenin tan-negozjati internazzjonali. Bħala Viċi President Eżekuttiv, nemmen li għandi responsabbiltà speċjali li nipparteċipa fil-Plenarja u fid-dibattiti tal-kumitati. Nagħmel lili nnifsi disponibbli għal laqgħat bilaterali u komunikazzjoni diretta mal-Membri tal-Parlament Ewropew.

Nimpenja ruħi li naħdem mill-qrib mal-Parlament Ewropew abbażi tal-Ftehim Interistituzzjonali tal-2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet u l-Ftehim Qafas tal-2010 u nimpenja ruħi fi ħdan il-Kulleġġ dwar ir-reviżjoni tal-Ftehim Qafas biex jissaħħu r-responsabbiltà politika konġunta, id-djalogu, il-fluss ta' informazzjoni u t-trasparenza.

Mistoqsijiet mill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

3. Il-Parlament huwa mħasseb dwar il-frammentazzjoni tal-politika soċjali u tal-impjiegi u l-inklużjoni tagħha f'bosta portafolli ta' Kummissarji nnominati kif ukoll dwar id-dimensjoni soċjali u tal-impjiegi nieqsa fit-titolu tal-Viċi President Eżekuttiv innominat Roxana Mînzatu. Il-Viċi President innominat kif beħsiebha tiżgura li din il-frammentazzjoni ma ddgħajjifx l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali? Kif se tikkooopera mal-Kummissarji l-oħra biex jintlaħqu dawn l-oġettivi? Barra minn hekk, taqbel li ibiddel it-titolu tiegħek għal "Viċi President Eżekuttiv għal impjiegi ta' kwalità, drittijiet soċjali, ħiliet u edukazzjoni" u tiegħu l-miżuri meħtieġa biex tikkonsolida l-politiki soċjali u tal-impjiegi u tiżgura strutturi u sorveljanza effiċjenti?

Nemmen li huwa pass kbir 'il quddiem li l-Ewropa Soċjali jkollha fil-Kulleġġ tal-Kummissarji Viċi President Eżekuttiv għan-Nies, il-Ħiliet u l-Preparatezza responsabbli mill-portafoll tal-ħiliet u l-edukazzjoni, ix-xogħol ta' kwalità u d-drittijiet soċjali. Inħossni kburiya u onorata li jkollu dan ir-rwol, jekk niġi kkonfermata. Bħala Viċi President Eżekuttiv, jekk niġi kkonfermata, se nappoġġa l-integrazzjoni tal-oġġettivi soċjali u tas-suq tax-xogħol tagħna matul il-ħidma tal-Kummissjoni. Dan huwa essenzjali biex tiġi żgurata l-ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva li tiżgura l-prosperità tagħna. Hija kruċjali għad-demokrazija tagħna u għas-saħħa tas-soċjetà tagħna, filwaqt li tinnaviga t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

Biex titlaħaq Ewropa Soċjali dejjem aktar b'saħħitha, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali huwa l-boxxla tagħna għal politiki soċjali u tal-impjieg b'saħħithom fl-UE. Selezzjoni mifruxa ta' portafolli u servizzi kienu responsabbli għall-inizjattivi fl-ewwel Pjan ta' Azzjoni: l-impjieg, il-ħiliet u l-politiki soċjali huma rilevanti b'mod miftuħ f'oqsma ta' politika differenti, u huma indispensabbli biex jintlaħaq il-potenzjal sħiħ tagħhom. Se niżgura li l-oġġettivi tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jiġu riflessi fl-oqsma kollha ta' politika.

Jekk niġi kkonfermata, se niżgura Pjan ta' Azzjoni ambizzjuż ġdid dwar l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, kif imħabbar fil-Linji Gwida Politiċi. It-tisħiħ tal-Ewropa Soċjali u li l-prinċipji tal-Pilastru jsiru realtà fil-ħajja tan-nies mhumiex missjoni ċkejna. Se naħdem mal-Viċi Presidenti Eżekuttivi l-oħrajn, u mal-Kummissarji li xogħolhom huwa fdat li jiggwida naturalment, iżda wkoll lil hinn. Għal Pjan ta' Azzjoni ambizzjuż u ta' suċċess se jkun hemm bżonn ta' kollaborazzjoni mal-Kulleġġ kollu, ngħidu aħna: dwar l-akkomodazzjoni mal-Kummissarju għall-Enerġija u għall-Akkomodazzjoni, dwar l-ugwaljanza mal-Kummissarju għall-Ugwaljanza, dwar il-fondi mal-Viċi President Eżekuttiv għall-Koeżjoni u għar-Riformi u mal-Kummissarju għall-Baġit, dwar il-koordinazzjoni tal-politika ekonomika u dwar is-Semestru Ewropew mal-Kummissarju għall-Ekonomija u għall-Produttività, dwar kwistjonijiet relatati mal-industrija u s-suq intern mal-Viċi President Eżekuttiv għall-Prosperità u għal-Istrateġija Industrijali, u dwar it-tranżizzjoni klimatika ġusta mal-Viċi President Eżekuttiv għal Tranżizzjoni Nadifa, Ġusta u Kompetittiva u l-Kummissarju għall-Klima, l-Emissjonijiet Żero Netti u t-Tkabbir Nadif — biex insemmu biss ftit. Il-Pilastru jeħtieġ li jiġi implimentat fil-prattika — it-tweġiq ma jistax jitqies wara, u se nuża l-opportunitajiet kollha disponibbli biex naħdem mal-Parlament Ewropew, iżda wkoll mal-Istati Membri u mas-sħab soċjali, u nagħti prijorità biex nagħmel realtà mill-impenji dwar id-drittijiet fundamentali, il-ħiliet, l-impjieg u l-ġlieda kontra l-faqar f'konformità mal-20 prinċipju kollha.

Nifhem għaliex xi wħud setgħu ppreferew formulazzjoni differenti għat-titolu tiegħi. Min-naħa tiegħi, ninsab eċċitata dwar portafoll li jpoġġi lill- "persuni" fuq quddiem u fiċ-ċentru. Dan huwa ċertament dak li jfisser il-proġett Ewropew: li l-għan aħħari tagħna huwa li naqdu lill-poplu tal-UE, bin-nazzjonalitajiet, iċ-ċirkostanzi u l-perspettivi differenti tagħhom, u li naħdmu fl-interess tagħhom. Kulħadd għandu l-potenzjal u l-ħtiġijiet tiegħu — din hija l-qalba tal-ħidma li rridu nwasslu. Irrispettivament mit-titolu tiegħi, id-determinazzjoni tiegħi li naħdem għal xogħol ta' kwalità, drittijiet soċjali, ħiliet u edukazzjoni, u b'mod ġenerali għan-nies tal-Ewropa, hija ċara. Jekk niġi kkonfermata Viċi President Eżekuttiv, se nuża kull għodda disponibbli biex inwettagħ l-oġġettivi soċjali ambizzjużi ta' dan il-mandat.

4. Filwaqt li tibni fuq id-dikjarazzjoni ta' La Hulpe, liema inizjattivi leġiżlattivi timpenja ruħek li tressaq fil-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid dwar l-EPSP, bħad-diġitalizzazzjoni fuq il-post tax-xogħol, l-akkomodazzjoni u n-negozjar kollettiv, sabiex jintlaħqu l-miri tal-2030? X'miżuri u azzjonijiet konkreti se ttipponi biex tindirizza n-nuqqas kritiku ta' ħiliet u ħaddiema fis-swieq tax-xogħol Ewropej u biex toħloq opportunitajiet tajbin fir-reġjuni kollha tal-Ewropa? Kif se tiżgura li l-ħaddiema kollha, speċjalment il-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet, ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-Unjoni tal-Ħiliet u jkunu jistgħu jgawdu d-dritt għat-taħriġ kif ukoll aċċess ugwali għal programmi ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid, speċjalment fid-dawl tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali?

X'miżuri u azzjonijiet konkreti se ttipponi biex tiffaċilita l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol, filwaqt li tiżgura Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA) b'saħħitha u li tingħata s-setgħa, u aktar modernizzazzjoni, simplifikazzjoni u diġitalizzazzjoni tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali, kif iddikjarat fl-ittra ta' missjoni tiegħek?

Barra minn hekk, liema valuri ta' limitu tal-esponiment okkupazzjonali ġodda u riveduti dwar is-sustanzi perikolużi qed tippjana li ttipponi skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-OSH, filwaqt li tiżgura kundizzjonijiet ekwi għan-negozji?

Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali huwa l-boxxla t-tajba biex jiggwidana fl-isforzi kontinwi tagħna biex nibnu Ewropa soċjalment ġusta u sostenibbli. L-istandards soċjali tagħna huma dimensjoni importanti tal-mudell tal-ekonomija soċjali tas-suq u ċentrali għall-kompetittività tagħna fit-tul. Jekk niġi kkonfermata, fl-2025 se nniedi Pjan ta' Azzjoni ambizzjuż ġdid dwar l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali biex insaħħaħ il-politiki attwali u nintroduċi inizjattivi ġodda. Irrid namplifika d-dinamika tagħna biex mill-inqas nilħqu l-miri

ewlenin tagħna tal-UE għall-2030 dwar l-impjiegi (rata ta' impjieg ta' 78 %, mill-inqas tnaqqis bin-nofs tad-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi), il-ħiliet (mill-inqas 60 % tal-Ewropej jipparteċipaw kull sena fit-taħriġ u jippromwovu l-aċċess għal ħiliet diġitali bażiċi għal mill-inqas 80 % tal-persuni ta' bejn is-16 u l-74 sena), u dwar it-tnaqqis tal-faqar (jitraqqas l-għadd ta' persuni li jgħixu fil-faqar jew fl-esklużjoni soċjali b'mill-inqas 15 miljun meta mqabbel maċ-ċifri tal-2019, inklużi 5 miljun tifel u tifla). Iżda nixtieq ukoll nanalizzaw aktar kif nipprovdu mhux xogħol biss, iżda x-xogħol ta' kwalità. Il-Pjan ta' Azzjoni se jħabbar miżuri leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi biex jiżgura li nilħqu l-ambizzjonijiet soċjali tagħna.

Irrid li x-xogħol ta' kwalità jkun il-paradigma l-ġdida tagħna li tippermettilna nisfruttaw bis-sħiħ l-opportunitajiet li t-teknoloġija l-ġodda u l-ekosistemi diġitali jgħibu għall-innovazzjoni, iż-żieda fil-produttività u l-kompetittività. Se nkompli bil-ħidma fir-rigward tad-dritt għall-iskonnessjoni u t-telexogħol, li jirrifletti d-dedikazzjoni tagħna għad-drittijiet tal-ħaddiema fl-era diġitali. Dak li huwa dritt offline, jenħtieġ li jkun ukoll dritt online. Se nkomplu niġbru wkoll evidenza għal inizjattiva ġdida dwar il-ġestjoni algoritmika, li tinkludi l-prinċipju ta' "bniedem fil-kontroll" fid-dinja tax-xogħol. Se ninvesti appoġġ sħiħ fit-tisħiħ tad-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv, filwaqt li nibni fuq id-Direttiva dwar il-Pagi Minimi u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2023 dwar id-djalogu soċjali. Se nibda billi nipproponi, fil-bidu tal-2025, Patt ġdid għad-Djalogu Soċjali Ewropew, li jaħdem flimkien mat-trade unions u l-impjegaturi Ewropej. In-negozjar kollettiv u d-djalogu soċjali huma fil-fatt essenzjali għal adattament flessibbli u inklużiv għall-isfidi li ġejjin fis-swieq tax-xogħol Ewropej, marbuta mat-tliet tranżizzjonijiet: ekoloġika, diġitali u demografika. Id-dritt tal-ħaddiema u tar-rappreżentanti tagħhom għall-informazzjoni, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni huwa kruċjali biex ikun jista' jkollhom rwol attiv fl-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika.

Fir-rigward tal-akkomodazzjoni, se nappoġġa l-ħidma tal-Kummissarju għall-Enerġija u għal-Akkomodazzjoni li jmxexxi l-Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli, filwaqt li niżgura li jkollu komponent soċjali robust li jaqdi l-ħtiġijiet ta' dawk l-aktar vulnerabbli, inklużi dawk li jesperjenzaw il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar, li għalihom il-prinċipju tal-akkomodazzjoni l-ewwel huwa l-aħjar approċċ.

Biex tindirizza n-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet, il-Kummissjoni diġà ressqet inizjattivi ewlenin varji, b'mod partikolari l-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nuqqas ta' Ħiliet u ta' Xogħol, li jissottolinja l-ispeċifità jiet tar-reġjuni. Kif enfasizzat fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, huwa vitali li jkollna kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti biex nattiraw u nżommu l-ħaddiema, filwaqt li negozjar kollettiv b'saħħtu, pagi adegwati u ġusti, l-appoġġ għat-tkabbir inklużiv u l-prevenzjoni tal-faqar fost dawk li jaħdmu huma essenzjali wkoll biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema fl-UE. Tgħallimna dan matul il-kriżi pandemika, speċjalment fis-settur tal-kura. Għal din ir-raġuni, se naħdem biex noħloq qafas koerenti biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-forza tax-xogħol fil-qasam tal-kura fit-tul, mhux biss bil-għan li jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent tal-ħiliet u l-kwalifiki, iżda wkoll biex jittejjbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol.

L-iżvilupp ta' Unjoni tal-Ħiliet se jkun fil-qalba tal-approċċ tagħna: biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet, u biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-individwi. Il-ħiliet huma indispensabbli wkoll biex inkunu lesti — kemm individwalment kif ukoll kollettivament — għall-isfidi tal-bidla u biex it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali ssir ukoll tranżizzjoni soċjalment ġusta. Il-ħiliet huma dritt soċjali; dritt li kulħadd għandu jkompli jibbenefika minnu mit-fulija sal-età avanzata. L-għan se jkun li kulħadd jikseb l-edukazzjoni u t-taħriġ li jeħtieġ f'kull stadju tal-ħajja tax-xogħol, biex ikun aġli fid-dinja tal-lum li tevolve b'mod kostanti — u mbagħad biex jiżgura li dawn il-ħiliet ikunu jistgħu jintużaw madwar l-UE fis-suq tax-xogħol, filwaqt li fl-istess ħin jiġu ssodisfati l-aspirazzjonijiet ta' dawk bil-ħiliet, u l-ħtiġijiet tal-impjegaturi. Se nħejji Inizjattiva ambizzjuża dwar it-trasferibbiltà tal-ħiliet biex niżgura li l-ħiliet jivvjaġġaw u jiġu rikonnoxxuti b'mobbiltà fis-suq tax-xogħol.

Il-pedament tal-Unjoni tal-Ħiliet tagħna huwa l-politiki u l-investment fil-ħiliet bażiċi, l-appoġġ għall-għalliema, u l-immirar tal-ħidma tagħna fuq bżonnijiet ewlenin bħall-qasam tax-Xjenza, it-Teknoloġija, l-Inġinerija u l-Matematika (STEM). Dan se jkun appoġġat minn ħidma msaħħa fl-edukazzjoni u t-taħriġ diġitali. Se nipproponi wkoll miżuri ambizzjużi u mmirati biex tingħata spinta lill-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET – vocational education and training) b'valur miżjud Ewropew, filwaqt li nieħu ispirazzjoni minn dak li jiġri fl-edukazzjoni terzjarja fl-Ewropa. Biex ikunu inklużivi, il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ jenħtieġ li joffru wkoll opportunitajiet ġodda għall-apprendiment, inkluż dak diġitali. Jeħtieġ li nagħmlu użu mill-IA u mill-feedback u l-gwida xprunati mid-*data*, kif ukoll mill-miżuri mmirati li jagħtu spinta lill-forniment tal-ħiliet diġitali. Neħtieġu perkorsi ta' tagħlim flessibbli, l-apprendiment orjentat lejn il-ħiliet u l-kompetenzi, interdixiplinari, transkulturali u transfruntiera. Biex nilħqu l-mira tal-2030 dwar il-ħiliet, se nesplora modi kif inkompli nsaħħaħ il-Kontijiet Individwali tal-Apprendiment (ILAs – Individual Learning Accounts). Billi jagħtu s-setgħa lil kulħadd biex jittahriġ, l-ILAs jagħmlu d-dritt għat-taħriġ realtà fil-prattika u se naħdem mal-Istati Membri biex immexxu 'l quddiem l-ILAs, b'mod partikolari permezz ta' appoġġ għat-tagħlim reċiproku. Element ewlieni ieħor huma l-

mikrokredenzjali, li jappoġġaw l-iżvilupp tal-ħiliet u l-impjegabbiltà, billi jiċċertifikaw l-eżiti tal-apprendiment ta' esperjenzi ta' apprendiment fuq terminu qasir, rilevanti ħafna għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi, diġitali u soċjali.

Xogħol ta' kwalità jfisser ukoll mobiltà ġusta tal-forza tax-xogħol. L-ewwel nett, irridu nlestu x-xogħol li għadu għaddej: Se naħdem b'mod intensiv mal-Parlament u mal-Kunsill biex nġinu ħalli jintlaħaq ftehim dwar ir-reviżjoni tar-Regolamenti dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali. Jiena konxja mill-kumplessità ta' dan il-fajl u ninsab lesta li nipproponi approċċi innovattivi li jibnu fuq il-progress li sar s'issa.

It-tieni, il-Kummissjoni qed tlesti l-evalwazzjoni tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol. Abbażi tas-sejbiet tal-evalwazzjoni u filwaqt li jitqies l-input li daħal fir-Riżoluzzjoni tal-Parlament, se niffoka aktar fuq kif tista' tissaħħaħ il-ħidma tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol. It-tielet, se nippreżenta viżjoni komprensiva dwar id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi, li tinkludi li jiġu faċilitati d-dikjarazzjonijiet tal-ħaddiema stazzjonati. Se tkun ibbażata fuq iż-żewġ proġetti pilota dwar il-Pass Ewropew tas-Sigurtà Soċjali, li huma mistennija jippreżentaw ir-riżultati tagħhom fit-tieni nofs tal-2025.

Se naħdem ukoll ma' Kummissarji oħra biex inwettagħ l-impenn fil-Linji Gwida Poliċi biex niżviluppaw regoli dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, nissimplifikaw il-proċeduri u nneħħu l-ostakli bla bżonn. Dan se jimxi id f'id ma' inizjattivi bħar-Riżerva ta' Talent tal-UE u s-Sħubijiet ta' Talent biex juri UE miftuħa li tilqa' t-talent u li kapaċi tattira persuni bil-ħiliet it-tajba biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol tal-UE.

Fir-rigward ta' valuri ta' limitu tal-esponiment okkupazzjonali ġodda u riveduti fuq sustanzi perikolużi, il-Kummissjoni naqqset iż-żmien biex tistabbilixxi valuri fil-livell tal-UE, iżda rrid li nimxu b'aktar ħeffa. Se nkun qed inħares lejn dan fil-fond għax il-ħaddiema tagħna jeħtieġu aktar protezzjoni mill-esponiment għal sustanzi kimiċi perikolużi u l-kumpaniji jeħtieġu kundizzjonijiet ekwi. Il-qafas Strateġiku tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol 2021–2027 jistabbilixxi s-sustanzi li għandhom ikunu l-fokus għall-futur qarib, u jien determinat li nwettagħ dan ix-xogħol u niproteġi lill-ħaddiema f'riskju. Dan japplika wkoll għall-prevenzjoni tal-imwiet u l-inċidenti fuq il-post tax-xogħol fl-aspetti kollha inklużi r-riskji psikosoċjali u muskuloskeletal. F'dan ir-rigward, irrid nikkonferma mill-ġdid l-approċċ ta' "viżjoni zero" li għandu l-għan li jipprevjeni mwiet relatati max-xogħol u se nisħaq biex inħeġġeġ il-prevenzjoni fir-rigward ta' perikli speċifiċi li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima, bħall-istress mis-sħana jew avvenimenti severi tat-temp, kif ukoll biex ninkorpora aħjar ir-riskji psikosoċjali, eż. dawk marbuta mat-tranżizzjoni diġitali. Ħafna minn dan ix-xogħol huwa relatat mal-ambizzjonijiet qawwija tal-Kummissjoni l-ġdida li tiproteġi s-saħħa mentali għall-Ewropej.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, se nkun promotur qawwi tad-dimensjoni soċjali tas-Semestru Ewropew f'approċċ integrat bejn il-politiki ekonomiċi u soċjali. Se nistinka biex nintegra aktar il-Qafas ta' Konverġenza Soċjali fis-Semestru. Il-ħidma tiegħi se tiffoka wkoll fuq l-investimenti u r-riformi soċjali, u dan jinkludi li ntejjeb l-ġhodod ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni bħall-valutazzjoni tal-impatt distributtiv, biex jitkejlu r-redditi ekonomiċi kif ukoll soċjali tagħhom. Dawn l-ġhodod se jkunu essenzjali għas-sostenibbiltà tal-politiki Ewropej kollha.

5. Madwar 95 miljun persuna fl-Unjoni jgħixu f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali, inklużi 19-il miljun tifel u tifla. Anke 11 % tal-ħaddiema huma esposti għal dan ir-riskju. Liema inizjattivi leġiżlattivi konkreti se tipproponi fil-kuntest tal-ewwel Strateġija tal-UE Kontra l-Faqar, imħabbra mill-President elett tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen? Xi rwol se jkollhom is-Semestru Ewropew u l-Garanzija Ewropea għat-Tfal f'din l-istrateġija biex jiġi żgurat progress lejn l-għan tal-Pjan ta' Azzjoni tal-EPSC li jitnaqqas il-faqar? Kif se tiżgura li l-QFP li jmiss jagħmel aktar biex jeqred il-faqar u l-esklużjoni soċjali? Lil hinn mir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill, x'miżuri ta' segwitu konkreti se tagħti għal talbiet mill-Parlament Ewropew biex tiggarrantixxi l-adegwatezza, u żżid il-kopertura u l-użu ta' skemi ta' introjtu minimu?

Se tippreżenta Direttiva dwar introjtu minimu adegwat sabiex tiżgura r-riintegrazzjoni ta' persuni assenti mis-suq tax-xogħol filwaqt li tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-ispeċifiċitajiet tas-sistemi nazzjonali ta' protezzjoni soċjali?

Il-President elett von der Leyen enfasizzat fil-Linji Gwida Poliċi tagħha li l-istil ta' ħajja tal-Ewropa jiddependi mill-protezzjonijiet u l-opportunitajiet tal-mudell soċjali u l-ekonomija soċjali tas-suq tagħna. Jekk niġi kkonfermata Viċi President Eżekuttiv, se niżviluppa l-Istrateġija tal-UE Kontra l-Faqar li se tkun effettiva fl-appoġġ ta' dawk li huma l-aktar żvantaġġati fis-soċjetà tagħna, u fl-indirizzar tal-inugwaljanzi soċjali. Il-livell u t-tipi ġodda ta' faqar u esklużjoni soċjali fl-Ewropa għadhom inaċċettabbli għalija. U l-faqar fost it-tfal m'għandux post fis-soċjetà prospera tagħna. Jekk irridu nirnexxu fil-bini ta' Unjoni aktar kompetittiva, ankrata f'ekonomija sostenibbli u ekoloġika, xprunata mit-teknoloġija l-ġdida, reżiljenti meta tiltaqa' ma' kriżijiet, politikament solida,

allura l-angolu orizzontali tagħna dejjem irid ikun li niġġieldu l-faqar permezz ta' kull deċiżjoni u politika li ndaħħlu fis-seħħ.

Jenħtieġ li l-istrateġija tal-UE Kontra l-Faqar tipprovdi qawwa ġdida fil-livell tal-UE għat-tnaqqis tal-faqar u l-esklużjoni soċjali. Il-punt tat-tluq irid ikun il-kawżi ewlenin tal-faqar, bħall-inugwaljanza u l-iġustizzja soċjali, introjtu baxx, rabta dgħajfa mas-suq tax-xogħol, lakuni fl-aċċess għas-servizzi soċjali u essenzjali, l-affordabbiltà, biex insemmu xi wħud.

Naturalment, l-impenn tal-Istati Membri li jaġixxu b' mod deċiżiv se jkun kruċjali għat-twettiq ta' din l-Istrateġija. Sa mis-Summit ta' Porto tal-2021, għandna mira ċara li rridu nilħqu sal-2030. B' mod speċifiku, irid ikollna t-tir li, f' termini ta' politiki ta' inklużjoni soċjali u protezzjoni soċjali, innaqqsu l-għadd ta' persuni li jgħixu fil-faqar jew fl-esklużjoni soċjali b' mill-inqas 15-il miljun (meta mqabbel maċ-ċifri tal-2019), inklużi 5 miljun tifel u tifla. Irridu nagħtu wkoll widen partikolari li jtkisser iċ-ċiklu ġenerazzjonali tal-faqar kif ukoll fuq l-avvanz tal-mobbiltà soċjali. Dan se jirrikjedi iżjed sforzi sostanzjali — madwar nofs l-Istati Membri esperjenzaw żieda notevoli fl-għadd ta' persuni f' riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali fl-2023, u b'hekk il-mira tal-2030 saret aktar diffiċli biex tintlaħaq.

Se nistinka biex niżgura li dawk li jistgħu jaħdmu jiġu megħjuna jiksbu impjeg ta' kwalità bħala mod kif noħorġu mill-faqar. Il-faqar jikkonċerna persuni ta' kull età, li jibdeu mit-tfulija sal-età attiva u sal-faqar fix-xjuħija. Għannisa, ir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali huwa oġġla. U l-esklużjoni soċjali spiss tkun marbuta mad-diskriminazzjoni u l-inugwaljanza strutturali fis-soċjetà. Se nintegra l-ħidma fuq l-Istrateġija u nindirizza flimkien mal-ħidma tagħna fuq Unjoni ta' ugwajjanza.

Aktar minn wieħed f' kull ħamsa tal-popolazzjoni tal-UE li tgħix f' unitajiet domestiċi bi tfal dipendenti kienet f' riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali fl-2023. Fl-istrateġija, se nħares lejn il-kura u kif għandu jissaħħaħ l-aċċess għal kura affordabbli ta' kwalità għall-familji, u xogħol ta' kwalità għall-forza tax-xogħol fil-qasam tal-kura.

Jenħtieġ li l-approċċ tagħna għall-faqar ikun komprensiv ukoll, u jmur lil hinn mill-politiki soċjali u tal-impjegi, biex jinkludi l-politiki tal-edukazzjoni u t-taħriġ, il-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni, it-tassazzjoni, it-trasport, l-enerġija, l-ikel u l-klima. Filwaqt li naħdem ukoll mal-kollegi tiegħi, se niggwida l-implimentazzjoni tal-Fond Soċjali għall-Klima biex jiġi indirizzat il-faqar marbut mal-enerġija u t-trasport.

F'konformità mat-Trattati, ir-responsabbiltà primarja għall-indirizzar tal-faqar u l-esklużjoni hija tal-Istati Membri. Imma t-Trattati jiddikjaraw ukoll b' mod ċar l-għan tal-Unjoni li tippromwovi l-paċi, il-valuri tagħha u l-benesseri tal-poplu tagħha — u li l-Unjoni għandha tiġġieled l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni, u għandha tippromwovi l-ġustizzja u l-protezzjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal.

Is-Semestru Ewropew se jkollu sehem kruċjali fil-monitoraġġ u l-koordinazzjoni tal-politiki nazzjonali għall-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u l-inugwaljanzi. Jekk niġi kkonfermata Viċi President Eżekuttiv, se nikkontribwixxi għas-Semestru Ewropew fir-rigward tal-politiki soċjali, tal-edukazzjoni u tal-impjegi, u nimpenna ruħi li nmantni d-dimensjoni soċjali qawwiya li għandu. Filwaqt li nibni fuq il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), li jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u li għandu l-għan li jnaqqas il-faqar u l-esklużjoni soċjali, u fuq il-Fond Soċjali għall-Klima l-ġdid, se naħdem ma' Kummissarji oħra biex niżviluppaw tweġibiet olistiċi ta' politika u ta' finanzjament. Il-ħidma li għandha titmexxa mill-Kummissarju għall-Enerġija u l-Akkomodazzjoni dwar il-Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli u l-Pjan ta' Azzjoni għall-Prezzijiet tal-Enerġija Affordabbli hija ta' importanza partikolari biex jiġi żgurat li dawk il-pjanijiet ikollhom komponent soċjali robust li jaqdi l-ħtiġijiet ta' dawk l-aktar vulnerabbli, inklużi dawk li jesperjenzaw il-kundizzjoni ta' għajxien mingħajr dar.

Fir-rigward tal-finanzjament pubbliku u l-investment, il-prijorità se tkun li jiġi żgurat l-użu tar-riżorsi disponibbli permezz ta' Next Generation EU u l-baġit attwali. Il-politika ta' koeżjoni, li tinkludi l-Fond Soċjali Ewropew Plus, hija appoġġ importanti għall-miżuri kontra l-faqar u l-esklużjoni.

Il-Fond Soċjali għall-Klima l-ġdid se jkun għodda b'saħħitha fl-indirizzar tal-faqar enerġetiku u t-trasport u se jikkontribwixxi għall-kisba tal-miri tal-faqar tal-pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Meta wieħed jikkunsidra l-oġettivi tal-fond, huwa imperattiv li l-Istati Membri jipprogrammawh biex jiffoka fuq l-impatti soċjali fuq gruppi vulnerabbli affettwati mill-ETS2. Se naħdem flimkien mal-Kummissarji l-oħra biex niżguraw programmazzjoni tal-Fond Soċjali għall-Klima (FSK) iffukat u li jħalli impatt biex jiġu appoġġati l-unitajiet domestiċi vulnerabbli, mikrointrapriżi vulnerabbli u utenti tat-trasport vulnerabbli,

permezz ta' appoġġ dirett għall-introjtu temporanju u permezz ta' miżuri u investimenti maħsuba biex iżidu l-effiċjenza enerġetika tal-binjiet, id-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin u tat-tkessiġ tal-bini, inkluż permezz tal-integrazzjoni tal-ġenerazzjoni u l-ħżin tal-enerġija rinnovabbli fil-bini, u biex jagħtu aċċess imtejjeb għal mobbiltà u trasport b'emissjonijiet żero u baxxi.

Flimkien mal-Kummissarji sħabi, se niżgura li l-implimentazzjoni ta' dan trawwem il-bidliet strutturali li hemm bżonn biex tiġi żgurata tranżizzjoni ekwa u ġusta, li takkumpanja l-implimentazzjoni tal-ETS2. Kif stipulat fir-Regolament, il-Pjanijiet — inklużi l-istadji importanti u l-miri — se jiġu evalwati abbażi ta' dan il-kriterju. Il-FSK se jipprovi appoġġ temporanju dirett għall-introjtu, u b'hekk jikkontribwixxi biex jittaffa l-faqar għall-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli.

Meta wieħed iħares 'il quddiem, il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss huwa opportunità biex l-infiq tagħna jsir aktar iffukat, aktar sempliċi u jkollu aktar impatt, billi l-investimenti jintrabtu ma' riformi biex jgħinu fl-indirizzar tal-isfidi f'oqsma bħall-edukazzjoni, il-ħiliet, u l-ġlieda kontra l-faqar. Jenħtieġ li kemm l-investimenti kif ukoll ir-riformi jkunu allinjati mal-oġġettivi u l-prijoritajiet tal-UE biex jiffokaw fuq oqsma fejn l-azzjoni tal-UE hija l-aktar meħtieġa u jista' jkollha l-akbar impatt.

Il-Garanzija Ewropea għat-Tfal hija inizzjattiva komprensiva u b'saħħitha, u l-Istati Membri wrew l-impenn tagħhom għall-implimentazzjoni tagħha. Għaliya, it-tweġġiq u t-tisħiħ tagħha se jkunu prijorità. Biex niksbu r-riżultati, irridu nintensifikaw l-isforzi tagħna, b'mod partikolari biex innaqqsu d-distakk fl-aċċess għas-servizzi bejn it-tfal fil-faqar u l-pari tagħhom li jinsabu f'qagħda aħjar. F'din il-perspettiva, se naħdem biex insaħħaħ il-Garanzija u nipprovi aktar gwida lill-Istati Membri biex jindirizzaw il-faqar fost it-tfal, b'mod partikolari wara r-rapport tal-Kummissjoni tal-2026 lill-Kunsill dwar il-progress li jkun inkiseb.

Jekk tiġi implimentata kif xieraq mill-Istati Membri, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu għandha l-potenzjal li ttejjeb b'mod konsiderevoli l-adeqwatezza tal-iskemi ta' introjtu minimu sal-2030 u tressaq aktar nies lejn is-suq tax-xogħol. Għalhekk l-enfasi għandha tkun l-ewwel fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni, prijorità orizzontali qawwija tal-Kummissjoni l-ġdida. Se nipprovi appoġġ lill-Istati Membri, bi promozzjoni ta' tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza, it-tagħlim reċiproku u l-iskambju ta' prattiki tajba permezz tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali. Il-Kummissjoni u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali se jħejju rapport konġunt fl-2025, li jivvaluta l-progress tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni. Fir-rigward tal-faqar fost dawk li jaħdmu, se naħdmu b'mod intensiv fuq l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar pagi minimi adegwati, li issa hija l-għodda ewlenija biex jiġi żgurat li d-dħul fis-suq tax-xogħol ikun qed joħroġ b'mod effettiv lin-nies mill-faqar.

Mistoqsijiet mill-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

6. Kif tippredvi l-futur tal-politika tal-edukazzjoni tal-UE, lil hinn mit-tisħiħ tal-kapital uman tal-Ewropa biex jinkiseb tagħlim effettiv u rilevanti li jiżviluppa l-għarfien, il-ħiliet, il-valuri u l-kompetenzi li jikkorrispondu għal viżjoni olistika tal-edukazzjoni u jikkontribwixxu għal ġenerazzjonijiet futuri mħejjija aħjar u reżiljenti? Fil-kuntest tat-tranżizzjoni ekoloġika Ewropea u t-trasformazzjoni industrijali nadifa li għaddejjin bħalissa, kif se tiżviluppa b'mod attiv strateġiji li jindirizzaw l-isfidi relatati mal-aċċess għall-edukazzjoni, il-ħiliet bażiċi, il-ħiliet diġitali, l-edukazzjoni STEM u STEAM u l-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza Ewropea?

Ilkoll nafu li l-edukazzjoni tqawwi l-kapaċitajiet tal-individwi. Għalhekk, il-viżjoni tiegħi hija li żona Ewropea tal-edukazzjoni b'saħħitha tagħti s-setgħa lill-Ewropa. Il-viżjoni tiegħi għall-futur tal-politika tal-edukazzjoni tal-UE għandha għeruq fondi fil-valuri ewlenin tal-libertà, id-demokrazija, il-ġustizzja soċjali, u l-prosperità kondiviża. Iż-żona Ewropea tal-Edukazzjoni, bħala spazju komuni għal apprendiment ta' kwalità għolja, aċċessibbli għal kulħadd, hija l-mutur wara oġġettiv kondiviż tal-edukazzjoni ta' kwalità, l-iżvilupp tal-ħiliet aġli, u l-inklużjoni. Dawn huma tliet ingredjenti ewlenin biex jiġi żgurat li l-ġenerazzjonijiet futuri tagħna ma jkunux biss ippreparati tajjeb, imma wkoll reżiljenti quddiem xokkijiet u sfidi. U, naturalment, Żona Ewropea tal-Edukazzjoni b'saħħitha tistabbilixxi l-pedamenti ewlenin għall-Unjoni tal-ħiliet futura.

Il-politika tal-edukazzjoni tal-UE, filwaqt li tappoġġa lill-Istati Membri, hija dwar it-tnejn tal-individwi għall-forza tax-xogħol, iżda, appart minn hekk, dwar it-tnejn tagħhom għall-ħajja, il-ħolqien ta' soċjetà li tagħti valur lill-ħsieb kritiku, il-kreattività, u l-kollaborazzjoni. Il-litteriżmu diġitali u medjatiku, il-multilingwiżmu, u l-ħiliet ta' komunikazzjoni huma essenzjali biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jinnavigaw il-kumplessità ta' dinja globalizzata. Neħtieġu kooperazzjoni mill-qrib bejn il-ġenituri, l-iskejjel, il-komunitajiet, u l-fornituri tal-edukazzjoni formali u mhux formali. L-edukazzjoni m'għandhiex tkun limitata għall-klassijiet tradizzjonali biss, iżda għandha tmur lil hinn u tirrifletti l-interkonnettività kontinwa fost l-individwi, u l-isfondi umani u kulturali rispettivi.

Id-dinja tagħna qed tinbidel b'rata mgħaġġla. Għandna bżonn noħolqu Unjoni tal-Ħiliet li tistimula b'mod effettiv kultura u mentalità ta' taġħlim li hija tul il-ħajja — fl-iskola, fuq il-post tax-xogħol, fis-soċjetà. Għal dan il-għan, huwa essenzjali li jintlaħaq ftehim dwar mod ġdid kif jiġi definit u vvalutat l-investment fin-nies, mit-twelid sax-xjuħija. L-investment fl-edukazzjoni, pereżempju dak tat-tfal f'riskju ta' faqar għandu redditu ekonomiku u soċjetali fuq perjodu ta' żmien medju u fit-tul. Meħtieġa miżuri ambizzjużi fir-rikonoxximent tal-forom kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Is-simplifikazzjoni u d-diġitalizzazzjoni huma l-prinċipji ewlenin. L-eżitu finali tagħna huwa li kull persuna, ikun xi jkun l-isfond jew il-punt tat-tluq tagħha, tkun mgħammra bil-ħiliet meħtieġa biex tibni karrieri professjonali sodi u tkun ukoll reżiljenti u aġli meta tiffaċċja opportunitajiet u sfidi ta' bidla fil-karriera. Ċentrali għas-suċċess se jkun l-politiki tagħna għall-appoġġ tal-għalliema u tal-ħarrieġa — il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom, it-tnejjija u r-riżorsi tagħhom u l-prospetti tal-karriera tagħhom.

Jekk niġi kkonfermata, se jkolli t-tir li niżgura li kull tifel u tifla, irrispettivament mill-isfond soċjoekonomiku, ikollhom aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità għolja u l-opportunità li jilhqqu l-potenzjal sħiħ tagħhom. L-ideat u r-rakkomandazzjonijiet fir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-2022 dwar il-“Perkorsi għas-Suċċess fl-Iskola” u dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, jipprovdu punt ta' tluq siewi.

Ir-riżultati tal-2022 tal-PISA jallarmawna u ma nistgħux ninjorawhom. Neħtieġu azzjoni deċiżiva. Jekk niġi kkonfermata, bħala parti mill-Unjoni tal-Ħiliet, se nħejji Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ħiliet Bażiċi biex ngħinu fil-ġlieda kontra t-tnaqqis inkwetanti fil-prestazzjoni ta' dawh li għandhom 15-il sena fil-litteriżmu, fil-matematika u fix-xjenza, kif ukoll ħiliet diġitali insuffiċjenti. Il-pjan se jiffoka fuq it-titjib tat-taġħlim, l-appoġġ tal-għalliema, u l-promozzjoni ta' ambjenti effettivi ta' appoġġ għas-suċċess tal-istudenti. Dan l-approċċ komprensiv se jenfasizza mhux biss il-prestazzjoni akkademika, iżda wkoll is-sehem tal-benesseri u l-ħiliet soċjoemozzjonali fit-titjib tal-eżiti edukattivi.

Inizjattiva possibbli oħra taħt l-Unjoni tal-Ħiliet tkun Pjan Strateġiku għall-Edukazzjoni STEM, biex l-Ewropa tkun tista' ttejjeb il-prospettiva tal-edukazzjoni fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM – science, technology, engineering, mathematics). Dan mhux biss se jindirizza n-nuqqas ta' għalliema kwalifikati fl-oqsma STEM, iżda jgħin ukoll biex jiġi żgurat proporzjon oġhla ta' bniet u nisa li jsegwu karrieri STEM. L-Akkademji tal-ħiliet diġà pprovdew kontribut importanti ħafna għall-iżvilupp tal-kurrikuli, li jippermetti lil ħafna setturi STEM iħarrġu n-nies f'konformità mal-ħtiġijiet tal-industrija. Filwaqt li jibnu fuq dan, il-Lawrji Ewropej se jipprovdu aktar impetu għall-iżvilupp u r-rikonoxximent ta' programmi STEM transazzjonali. Nistgħu wkoll nintegraw l-arti, l-istudji umanistiċi u x-xjenzi soċjali f'dawn l-inizjattivi biex ngħinu niżguraw li l-fatturi tat-taġħlim fl-isfidi tad-dinja reali tal-użu ta' dawn il-ħiliet ikunu konformi mal-valuri u l-ħtiġijiet soċjali tagħna.

B'mod ġenerali, jeħtieġ li jitkompla b'determinazzjoni kuraġġuża x-xogħol fuq il-lawrja Ewropea, billi ssir ħidma mal-Istati Membri u mas-settur tal-edukazzjoni għolja.

Sistema edukattiva moderna trid tħaddan ukoll trasformazzjoni diġitali sħiħa. L-era diġitali tippreżenta kemm opportunitajiet kif ukoll sfidi, u huwa imperattiv li kull ċittadin ikun diġitalment litterat. L-UE għandha żżid l-isforzi biex tipprovi diġitali fil-livelli kollha, mit-tfulija bikrija sat-taġħlim tul il-ħajja, filwaqt li tintegra l-kompetenzi diġitali fil-kurrikuli ewlenin. Il-pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali 2021–2027 stabbilixxa qafas sod, iżda rridu naċċelleraw ir-riformi biex niksbu l-miri tad-Deċennju Diġitali. Fi triqitna 'l quddiem, l-UE trid tindirizza oqsma ewlenin bħall-konnettività tal-iskejjel, l-għodod diġitali fil-klassi, u l-ħiliet diġitali avvanzati f'oqsma bħall-IA, l-ipprogrammar, u ċ-ċibersigurtà. Fi ħdan l-Unjoni tal-Ħiliet, beħsiebni niżgura rieżami komprensiv tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali.

L-edukazzjoni dwar is-sostenibbiltà hija l-muftieħ għal futur ekoloġiku u sostenibbli fl-Ewropa. Jeħtieġ li nagħmlu l-aħjar użu mill-għodod ewlenin bħall-Qafas Ewropew ta' Kompetenza dwar is-Sostenibbiltà (GreenComp). L-aspetti tal-ekoloġizzazzjoni jistgħu jiġu appoġġati wkoll permezz tal-ħidma tal-Akkademji tal-Għalliema u jiġu ssimplifikati fil-kuntest tat-taġħlim tul il-ħajja u l-kontinwazzjoni individwali tal-apprendiment.

Pilastru strateġiku tal-Unjoni tal-Ħiliet irid ikun it-tisħiħ tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET – vocational education and training), bil-perkorsi kruċjali tiegħu għall-impjeg u r-rabta mill-qrib mal-ħiliet li n-negozji jeħtieġu. Jekk niġi kkonfermata, se nipprepara Strateġija Ewropea għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali. L-għan tiegħi mhuwiex biss li nagħti spinta lill-għadd ta' persuni b'lawrji tal-VET, iżda li nżidu l-kwalità, ir-rikonoxximent u d-dimensjoni tal-UE ta' dan it-tip siewi ta' edukazzjoni, u b'hekk nagħti s-setgħa lill-gradwati tal-VET. Il-pakkett b'saħħtu tagħna ta' fondi tal-UE, ġestit direttament jew taħt ġestjoni kondiviża, għandu rwol kritiku fit-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ghdid tal-ħaddiema u se naħdem, mal-Kummissarji sħabi, biex niffokaw aħjar l-investimenti tagħna fuq setturi strateġiċi li jipprovdu wkoll opportunitajiet siewja għaż-żgħażaġh tagħna.

Irrid nkunu aktar effettivi fit-tagħlim tal-ġenerazzjonijiet żgħażaġh dwar l-Ewropa, il-valuri, l-istorja, u l-identità komuni tagħha mibnija fuq l-għaqda fid-diversità. It-tiżiż tal-valuri demokratiċi u l-parteeċipazzjoni demokratika, it-trawwim tal-identità Ewropea u ċittadinanza attiva huma fil-qalba tal-programmi ewlenin kollha, inkluż Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. L-għalliema għandhom rwol ċentrali fl-indirizzar u fiż-żieda tal-koxjenza tal-valuri Ewropej. Jekk ninħatar, se naħdem flimkien mal-Istati Membri biex inkompli nsaħħaħ id-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim. Jekk niġi kkonfermata, irrid noħloq rabtiet mal-ħidma fuq it-Tarka għad-Demokrazija li għandha titmexxa mill-Kummissarju għad-Demokrazija, il-Ġustizzja u l-Istat tad-Dritt.

L-edukazzjoni hija forza li tgħaqqad u element fundamentali tad-demokrazija kollha li jiffunzjonaw tajjeb. Erasmus+ ilaqqaq' flimkien żgħażaġh minn kull rokna tal-Ewropa u se nkompli nqawwih. Huwa essenzjali li l-mobbiltajiet tal-Erasmus+ isiru saħansitra aktar inklużivi, speċjalment billi jiġi żgurat li dawk l-aktar fil-bżonn u dawk vulnerabbli jkunu jistgħu jibbenefikaw ukoll mill-programm, biex tiġi kkonsolidata u approfondita l-identità Ewropea, fil-ġenerazzjonijiet u n-nazzjonijiet kollha. Element ewlieni se jkun it-titjib tal-esperjenza tal-mobbiltajiet tal-istudenti, bl-użu tad-diġitalizzazzjoni biex l-esperjenzi tagħhom isiru saħansitra aktar siewja.

7. X'inhu l-pjan tiegħek għall-futur taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (ŻEE) li għandha titlesta sal-2025, flimkien mar-rikonoxximent u l-portabbiltà transfruntiera tal-kwalifiki, il-lawrji u ċ-ċertifikazzjoni fl-oqsma kollha tal-edukazzjoni f'ambjenti formali, informali u mhux formali? B'mod partikolari, kif beħsiebek tindirizza kwistjonijiet urġenti fl-UE kollha bħan-nuqqas ta' għalliema, it-taħriġ tagħhom u s-sitwazzjoni professjonali prekarja?

Iż-żona Ewropea tal-Edukazzjoni hija strateġija biex l-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja ta' kwalità jsiru aċċessibbli għal kulħadd, bejn il-fruntieri, f'konformità mal-ewwel prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Dan l-impenn għall-inklużività u l-eċċellenza fl-edukazzjoni u t-taħriġ huwa essenzjali biex jiġi żgurat li kull Ewropew ikollu l-ħiliet meħtieġa — rikonoxxuti lil hinn mill-fruntieri — biex jirnexxi fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol, u biex l-Unjoni tal-Ħiliet issir realtà.

Jekk niġi kkonfermata, se naħdem fuq iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni bil-għan li nmexxi approċċ komuni għall-iżvilupp tal-ħiliet, il-mobbiltà tal-apprendiment, il-kwalità u l-inklużività. Dan ix-xogħol jiġi infurmat mill-evidenza li toħroġ mill-evalwazzjoni taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, li għadha għaddejja.

Element ewlieni tal-EEA huwa r-rikonoxximent tal-kwalifiki, li huwa vitali għall-mobbiltà tal-istudenti, inkluż taħt il-programm Erasmus+, u għaċ-ċirkolazzjoni tat-talenti madwar l-Ewropa. Filwaqt li l-qafas diġà jinsab fis-seħħ, il-pass tal-implimentazzjoni ma kienx uniformi, u nofs l-Istati Membri biss għamlu progress suffiċjenti. Il-proposta tal-Kummissjoni ta' Marzu 2024 għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar sistema ta' Assigurazzjoni tal-Kwalità u Rikonoxximent hija pass importanti ieħor biex ir-rikonoxximent awtomatiku jsir realtà għall-istudenti kollha. Biex inkompli l-ħidma f'dan il-qasam, se nagħmel bħala prijorità tiegħi ftehim f'waqt u l-implimentazzjoni deċiżiva tiegħu.

Inizjattiva dwar it-Trasferibbiltà tal-Ħiliet se tippermettilna nżidu r-rikonoxximent tal-ħiliet u l-kwalifiki. Dan jipprovi qafas fejn kwalunkwe tip ta' ħiliet jew kwalifiki miksuba f'pajjiż wieħed jew f'kumpanija jistgħu jiġu rikonoxxuti u aċċettati f'pajjiż ieħor biex jaqdu bl-aħjar mod lin-nies u s-suq tax-xogħol. Dan se jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' spazju Ewropew reali fejn l-għarfien, il-ħiliet u t-talenti jistgħu jiċċirkolaw liberament.

Barra minn hekk, irridu nespandu r-rikonoxximent taċ-ċertifikazzjonijiet, b'mod partikolari permezz tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2022 dwar il-mikrokredenzjali. Dawn l-għażliet ta' apprendiment qosra u flessibbli huma kruċjali għat-titjib tal-ħiliet u għat-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol tal-Ewropa, biex b'hekk l-edukazzjoni ssir aktar adattabbli għall-ħtiġijiet tal-ekonomija tagħna li qed tevolvi. Se nappoġġa wkoll bil-qawwa t-tagħlim li mhuwix formali jew li huwa informali, u nippromwovi l-validazzjoni tiegħu, inkluż permezz tal-ħidma fost iż-żgħażaġh, u se noffri forum ta' edukazzjoni u taħriġ iċċentrati fuq l-istudent, parteċipattivi u innovattivi, li jappoġġaw ukoll it-tagħlim għal ċittadinanza attiva. Inqas ambjenti ta' tagħlim formali bħall-ħidma fost iż-żgħażaġh, il-klabbs sportivi, jew l-attivitajiet kulturali li jistgħu jikkontribwixxu għal edukazzjoni aktar inklużiva. Jekk niġi kkonfermata, se nimmira wkoll għal enfasi msaħħa fuq id-dimensjoni tat-tagħlim u l-ħiliet ta' dawn il-politiki, f'kooperazzjoni mal-Kummissarju għall-Ġustizzja Interġenerazzjonali, iż-Żgħażaġħ, il-Kultura u l-Isport.

Bħalissa hemm 24 Stat Membru li qed jesperjenzaw nuqqas fil-qasam tat-tagħlim. Dan ifisser inqas tagħlim, inqas appoġġ u konsegwentement telf ta' edukazzjoni għall-ġenerazzjoni li jmiss. Huwa essenzjali kemm għall-kompetittività, kif ukoll għall-koeżjoni soċjali, li t-tagħlim ikun karriera attraenti. L-indirizzar tan-nuqqas ta' għalliema u l-ħtiġijiet ta' taħriġ tagħhom huwa primarjament ir-responsabbiltà tal-Istati Membri. Madankollu, l-UE tista' u għandha tappoġġa dan l-isforz konġunt u taħdem mal-Istati Membri, l-edukaturi, is-sħab soċjali, is-

soċjetà ċivili, u l-istudenti — biex tgħin ħalli din l-isfida tiġi indirizzata, flimkien ma' sfidi persistenti oħra fis-sistemi edukattivi tagħna. Għal dan il-għan, jekk niġi kkonfermata, se nipproponi Aġenda tal-Għalliema tal-UE, iffukata fuq l-istatus, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, it-taħriġ, u l-prospetti tal-karriera tal-għalliema madwar l-UE. Se nħares ukoll lejn it-tneđija ta' Alleanza tal-Iskejjel Ewropej biex inħeġġeġ kooperazzjoni u mobbiltà transfruntiera aħjar bejn l-iskejjel fl-Ewropa. Huwa biss permezz ta' dan l-isforz konġunt — l-involvement tal-Istati Membri, l-edukaturi, is-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili, u l-istudenti — li nistgħu nindirizzaw dawn l-isfidi persistenti fis-sistemi edukattivi tagħna.

8. Fl-UE qed niffaċċjaw ir-realtà tal-eżodu ta' mħuħ fis-settur tal-edukazzjoni għolja - kif beħsiebek tindirizza b'mod attiv din il-kwistjoni u kif beħsiebek tiżviluppa aktar l-“Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej” u taħdem fuq il-“Grad Ewropew” biex tindirizza speċifikament dawn l-isfidi? Barra minn hekk, kif beħsiebek tapplika t-tagħlimiet meħuda mill-implimentazzjoni attwali tal-programm Erasmus+ biex jitħejja l-programm tal-ġenerazzjoni li jmiss, u b'mod speċifiku, x'inhil l-istrateġija tiegħek biex iżżomm l-oġġettivi u l-prijoritajiet ewlenin tal-programm filwaqt li tqis il-perssonijiet baġitarji futuri potenzjali?

L-Ewropa teħtieġ li tkun “kemm edukazzjoni kif ukoll destinazzjoni ta' sodisfazzjon” — li tattira l-aqwa talenti, fis-setturi kollha, inkluż fl-edukazzjoni għolja, li hija wkoll kompetittiva biżżejjed biex iżżommhom, fl-ekonomiji u s-soċjetajiet Ewropej. Għal dan il-għan, hemm bżonn li l-universitajiet tagħna jkunu aktar kompetittivi u attraenti fix-xena globali — irrispettivament mir-reġjun li jinsabu fih. Jiena konvint ferm li l-Ewropa għandha dak kollu li huwa meħtieġ biex tissodisfa dik l-ambizzjoni, inkluża l-eċċellenza akkademika mifruxa. Madankollu, il-frammentazzjoni u l-iskala żgħira spiss jillimitaw il-potenzjal veru tagħna. Biex ma nħallux li jiġri hekk, irridu li l-universitajiet tal-Ewropa jikkooperaw aktar u jaħdmu id f'id.

Għal dan il-għan, għandna nmexxu 'l quddiem l-istrateġija Ewropea għall-universitajiet, li għandha l-għan li tagħti s-setgħa u ssaħħaħ l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja madwar l-Ewropa. Waħda mill-inizjattivi ewlenin tagħna, l-inizjattiva tal-universitajiet Ewropej, appoġġata mill-Erasmus+, tressaq l-universitajiet mill-partijiet kollha tal-Ewropa, inklużi ż-żoni rurali u r-reġjuni ultraperiferiċi, lejn kooperazzjoni aktar mill-qrib ma' xulxin. Bit-twaqqif ta' kampusijiet interuniversitarji Ewropej, l-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej jistgħu jipprovdu lill-istudenti b'aċċess għal offerta ta' edukazzjoni aktar għanja u aħjar, f'kooperazzjoni mad-dipartimenti tar-riċerka u n-negozji. Dan jippermetti lill-istudenti jiżviluppaw sett usa', aktar varjat u orjentat lejn il-futur ta' ħliet u kompetenzi, hekk kif l-universitajiet jiġbru flimkien il-kompetenzi esperti, l-għarfien u r-riżorsi tagħhom, biex b'hekk jikkombinaw il-punti b'saħħithom komplementari li mhumiex disponibbli fi kwalunkwe istituzzjoni waħda. Alleanzi bħal dawn huma xpruni għal ċirkolazzjoni bbilanċjata tat-talenti u biex l-istudenti jingħataw opportunitajiet uniċi ħalli jiksibu lawrja ta' livell għoli, b'mobbiltà intrinsika — li tikkombina studji f'diversi pajjiżi Ewropej. Għalhekk jeħtieġ li nieħdu dawn il-passi promettenti 'l quddiem, filwaqt li ninċentivaw aktar universitajiet biex jissieħbu f'dan l-approċċ u nuru l-benefiċċji għall-edukaturi, l-istudenti u l-impjegaturi futuri.

Il-pjan ta' Azzjoni għal lawrja Ewropea, li tnieda minn diversi alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, jiftaħ opportunitajiet ġodda għall-istituzzjonijiet kollha tal-edukazzjoni għolja ħalli joffru lawrja maħsuba ħafna u rikonoxxuta b'mod ġenerali lill-istudenti tagħhom, inkluż f'setturi li huma ta' importanza strateġika għall-Ewropa. Jekk niġi kkonfermata, se nmexxi din il-ħidma 'l quddiem u nimmira lejn it-tweġtiq tal-lawrja Ewropea fil-prattika, mal-Istati Membri, il-Parlament Ewropew u l-partijiet ikkonċernati fl-edukazzjoni għolja, għall-futur tal-istudenti tagħna u tal-Ewropa. Beħsiebni niddedika wieħed mid-djalogi ta' implimentazzjoni tiegħi biex nesplora x'jista' jkun qed iżomm lura l-progress dwar din il-kwistjoni.

Erasmus+ ilu aktar minn 35 sena jappoġġa lin-nies biex jibbenefikaw mill-mobbiltà tal-apprendiment u biex jiksibu kompetenzi u ħliet ġodda bħall-empatija, il-fiduċja, il-mentalità miftuħa, il-ħsieb kritiku, ir-rispett għad-diversità u ċ-ċittadinanza attiva. Programm Erasmus+ imġedded u msaħħaħ jipromwovi l-kompetittività u l-inklużjoni soċjali u se jgħin biex jinżammu l-valuri demokratiċi tagħna. F'dan l-isfond, u jekk niġi kkonfermata, se nibni fuq il-kisbiet tal-programm biex nagħmel każ konvinċenti għall-ġenerazzjoni li jmiss tiegħu. L-ambizzjonijiet huma għoljin. Ir-rapport ta' Draghi appella għal “Erasmus għal kulħadd” u dan nistgħu narawh ukoll fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill Ewropa Attiva. Id-domanda għall-kooperazzjoni u l-mobbiltà għat-tagħlim taqbeż dak li l-programm attwali jista' jipprovdi għalih illum. Kif stabbilit fil-Linji Gwida Poliċi, jeħtieġ li nsaħħu l-Erasmus+, inkluż fit-taħriġ vokazzjonali. Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss huwa opportunità biex l-investment tagħna fl-edukazzjoni isir aktar sempliċi u jkollu aktar impatt. Għalhekk, jeħtieġ li nsaħħu l-azzjonijiet eżistenti, nipproponu titjib u simplifikazzjonijiet ulterjuri biex jinżamm il-pass mad-dinja li qed tevolve malajr u biex nagħtu spinta lill-kooperazzjoni Ewropea u internazzjonali. Erasmus+ jinsab f'pożizzjoni unika biex iqarreb lill-Ewropej lejn xulxin u jipromwovi l-kompetittività, l-inklużjoni, il-parteċipazzjoni demokratika u l-valuri fundamentali tal-UE.

Mistoqsija mill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

9. Minħabba l-ħtieġa urġenti ta' kultura tal-UE ta' preparatezza li qed tiffaċċja theddid emerġenti li jista' jaffettwa s-sigurtà tagħna u s-sikurezza tas-soċjetà tagħna, kif se tippjana li tikkontribwixxi għall-bini tal-kapaċitajiet tagħna tal-UE, għat-tijib tad-detezzjoni tat-theddid u għall-operazzjonalizzazzjoni ta' rispons ikkoordinat għall-kriżijiet b'mod rapidu u effettiv?

Biż-żieda kbira fil-ġhadd u fil-komplessità tar-riskji klimatiċi, soċjali, teknoloġiċi u ġeopolitiċi li jheddu lill-UE, huwa imperattiv li l-UE tiżviluppa approċċ aktar strateġiku, komprensiv u integrat għall-ġestjoni tal-kriżijiet.

Jekk niġi kkonfermata Viċi President Eżekuttiv, se niggwida l-ħidma lejn Strateġija tal-UE dwar it-Tħejjija tal-Unjoni, filwaqt li nibni fuq ir-rapport dwar il-prontezza u t-tħejjija ċivili u militari tal-UE li għandu jiġi ppreżentat mill-eks President Finlandiż Sauli Niinistö.

L-għan huwa li tinħoloq Unjoni li tkun aktar b'saħħitha u mħejjija aħjar, mibnija fuq approċċ ta' tħejjija mis-soċjetà kollha, mill-gvern kollu, mill-perikli kollha u transsettorjali, u kooperazzjoni ċivili-militari aktar mill-qrib.

Dan jinkludi li ċ-ċittadini jiġu mgħammra bil-ħiliet meħtieġa, bħala parti mill-ħidma usa' tiegħi fuq il-ħiliet u l-edukazzjoni. L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom iħejju għall-ispettru sħiħ ta' kriżijiet u xokkijiet kemm dawk naturali kif ukoll dawk ikkawżati mill-bniedem, minn theddid għas-sigurtà, inklużi dawk ibridi u dejjem aktar b'dimensjoni ċibernetika, għal diżastri kkawżati mit-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali, b'effetti kollaterali fuq setturi oħra tas-soċjetà tagħna, bħas-saħħa, il-kura soċjali u l-agrikoltura.

Jekk niġi kkonfermata, se naħdem mal-Kummissarju għall-Preparatezza u għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet f'dan l-isforz. Bħala Viċi President Eżekuttiv nimpnija ruħi li ngħaqquad flimkien il-ħafna oqsma ta' ħidma differenti involuti. Se naħdem mill-qrib mal-Kummissarji sħabi kollha u mal-Istati Membri tal-UE fi spirtu reali ta' Tim Ewropa. L-istrateġija tal-UE għal unjoni tal-preparatezza se tistabbilixxi l-pedamenti li jsaħħu l-kapaċitajiet tal-Ewropa biex tidentifika u tindirizza l-vulnerabbiltajiet upstream permezz ta' eżerċizzji u ttestjar, u mbagħad biex tipprevjeni, tirreżisti u tirrispondi għall-kriżijiet, b'mod ikkoordinat tajjeb u integrat.

Biex ngħid il-verità, mhux qed nibdew mill-bidu nett: L-UE diġà żviluppat għodod importanti għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-koordinazzjoni tar-rispons f'każ ta' kriżijiet, bħall-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, u se nkomplu nibnu fuq dawn l-istrumenti. Dan jinkludi wkoll ir-riżerva strateġika tal-UE ta' kapaċitajiet ta' reazzjoni ("rescEU") li jeħtieġ li tinżamm u tkompli tissaħħa.

Nistgħu nibnu fuq l-esperjenza tal-għodod u l-istrumenti settorjali eżistenti għall-ġestjoni tal-kriżijiet żviluppati f'oqsma differenti, u f'livelli differenti inkluż it-tħejjija ċivili u militari, u wara t-tagħlimiet meħuda minn kriżijiet tal-passat — bħall-qafas imsaħħaħ tal-UE għas-sigurtà tas-saħħa li ġie stabbilit wara l-pandemija tal-COVID-19 jew il-ħidma fuq il-bini ta' kontromiżuri mediċi.

Taħt il-kappa tal-Istrateġija dwar l-Unjoni tas-Sigurtà, l-UE adottat firxa ta' miżuri leġiżlattivi u operazzjonali li ħallew lill-UE mgħammra aħjar biex twieġeb għall-isfidi tas-sigurtà milli kienet ħames snin ilu. Il-Kummissjoni se taħdem mill-qrib mal-Istati Membri biex tiżgura l-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida, li se tkun kruċjali biex tiġi żgurata t-tħejjija għat-theddid u l-vulnerabbiltajiet għas-sigurtà.

Iżda t-tħejjija ma tistax tibqa' kwistjoni esklużiva tal-gvernijiet u l-istituzzjonijiet. Minħabba l-komplessità bla preċedent u n-natura transsettorjali tat-theddid, il-parteciġazzjoni attiva kemm taċ-ċittadini, kif ukoll tal-unitajiet domestiċi u tal-atturi tas-soċjetà fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali se tkun essenzjali għat-tisħiħ tat-tħejjija tal-UE, għall-bini ta' kapaċitajiet ġodda, u għall-operazzjonalizzazzjoni ta' rispons koordinat għall-kriżijiet b'mod rapidu u effettiv. Inizjattivi ġodda mmirati lejn l-iżvilupp tal-ħiliet u l-kapaċità fir-rispons għall-kriżijiet jista' jkollhom rwol ewlieni, bl-involvement tas-sħab soċjali, l-istituzzjonijiet edukattivi, u s-settur privat biex jiġi żgurat li kull ċittadin ikun ippreparat.

Il-kapaċità tagħna li nirreaġixxu għat-theddid ċibernetiku, it-theddid għas-saħħa jew id-diżastri naturali hija test kemm tad-determinazzjoni kif ukoll tas-solidarjetà tagħna. Nistgħu nħejju ruħna billi nagħtu s-setgħa lin-nies bil-ħiliet it-tajba, bħall-professjonisti tal-kura tas-saħħa u dawk li jirrispondu għall-emerġenzi, lill-esperti taċ-ċibersigurtà u lill-manigiers tal-loġistika, fejn qed niffaċċjaw nuqqas ta' ħiliet speċjalizzati. L-edukazzjoni dwar ir-riskju se jkollha wkoll sehem ewlieni, speċjalment għall-gruppi vulnerabbli.

Filwaqt li nibnu u niġbru flimkien il-kapaċitajiet eżistenti tagħna, se nsaħħu l-antiċipazzjoni tagħna, intejbu s-sistemi ta' detezzjoni u ta' twissija bikrija u nanalizzaw il-lakuni fil-kapaċitajiet tal-UE fis-setturi kollha. Il-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra kontra l-Ukrajna wrewna kif il-kriżijiet jfuru minn settur għal ieħor, minħabba r-rabtiet inkroċjati u l-interdipendenzi estensivi, u b'hekk jeħtieġu soluzzjonijiet u koordinazzjoni transsettorjali, ħafna drabi b'dimensjoni kemm interna kif ukoll esterna. Jien impenjata li nifhem ir-riskji transsettorjali u li nipromwovi analiżi antiċipatorja tar-riskju. Jien determinata nagħmel dan realtà għall-benefiċċju tas-soċjetà u taċ-ċittadini tagħna.

Mistoqsija mill-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

10. X'inizjattivi qed tippjana biex tnaqqas id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri, id-differenzi fil-karriera u fil-pensjonijiet u tindirizza s-segregazzjoni orizzontali kif ukoll tippromwovi l-bniet u n-nisa fl-edukazzjoni u l-karrieri STEM, u tipprevjeni d-diskriminazzjoni għal kulħadd, sabiex l-Ewropa tkun tista' tuża t-talent u l-potenzjal kollu tagħha? Ukoll minħabba d-differenzi bejn il-ġeneri, ir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali fl-UE huwa oġġha għan-nisa milli għall-irġiel. In-nisa li għandhom responsabbiltajiet ta' kura informali għal qraba dipendenti jirriskjaw li ma jkunux jistgħu jidħlu f'impjiegi formali u huma l-aktar f'riskju ta' faqar. Kif qed tippjana li ttejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-iżvilupp tal-karriera u t-titjib tal-ħiliet għan-nisa fil-kuntest tal-qafas il-ġdid biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-forza tax-xogħol tal-kura fit-tul? Fir-rigward tal-ewwel Strateġija Kontra l-Faqar li qatt ġiet ippjanata għal din il-Kummissjoni, kif se tiżgura li l-Istrateġija l-ġdida se tgħin lin-nisa fl-aktar sitwazzjonijiet prekarji u vulnerabbli, bħan-nisa mingħajr dar u l-ommijiet waħedhom?

L-ugwaljanza hija valur fundamentali tal-UE u hija prinċipju intrinsiku għall-ħidma kollha li se nsegwi fil-funzjoni tiegħi. L-inugwaljanza bejn il-ġeneri hija ksur tad-drittijiet fundamentali. U hija wkoll ostaklu ekonomiku enormi li jipprevjeni lill-Ewropa kollha milli tirrealizza l-potenzjal sħiħ tagħha, b'impatti dejjiema fuq il-kompetittività u l-produttività tagħna.

Diversi azzjonijiet reċenti tal-UE diġà għandhom potenzjal trasformattiv għat-titjib ta' ħajjet in-nisa u l-parteciċipazzjoni tagħhom fl-ekonomija. Dan jinkludi b'mod partikolari d-Direttivi dwar it-trasparenza fil-pagi, il-bilanċ bejn il-ġeneri fil-bordijiet tal-kumpaniji, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, u pagi minimi adegwati. Jekk niġi kkonfermata Viċi President Eżekuttiv, se niżgura l-implimentazzjoni xierqa ta' dawn l-istrumenti, filwaqt li naħdem mill-qrib mal-kollegi rilevanti tiegħi fil-Kulleġġ, u se niffaċilita l-isforzi tal-Istati Membri fejn meħtieġ.

Fir-rigward tal-indirizzar tad-differenzi bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol bħad-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi, id-differenza bejn il-ġeneri fil-karriera, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi u d-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet, se naħdem mill-qrib mal-Kummissarju għall-Ugwaljanza biex niżviluppaw l-Istrateġija l-ġdida dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri wara l-2025, inklużi l-azzjonijiet konkreti tagħna f'dan il-qasam. Il-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali bil-prinċipji tiegħu dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-opportunitajiet indaqs u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata se jkun strumentali wkoll f'dik il-kwistjoni.

Se naħdem biex nindirizza l-iżbilanċi bejn il-ġeneri u l-istereotipi f'dak li għandu x'jaqsam mal-edukazzjoni u l-karrieri. Pereżempju, taħt l-inizjattiva msejja "Girls Go Circular", aktar minn 47,000 tifla madwar l-Istati Membri tal-UE diġà ġew imħarrġa fil-ħiliet diġitali, intraprenditorjali u ekoloġiċi, u jiena se nkompli f'din id-direzzjoni. Barra minn hekk, b'Erasmus+ qed nappoġġaw ukoll proġetti li jiżviluppaw modi biex jingħelbu l-ostakli li jipprevjenu lill-bniet u lin-nisa milli jsegwu karriera tal-VET fis-settur tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti u f'oqsma relatati. Dan huwa essenzjali, peress li ħafna mill-opportunitajiet maħluqa mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali se jkun fi professjonijiet tekniċi, tradizzjonalment iddominati mill-irġiel u ma nistgħux nippermettu li ma nisfruttawx it-talent ta' nofs il-popolazzjoni.

Jekk niġi kkonfermata, se nintegra perspettiva tal-ġeneru fl-inizjattivi tal-ħiliet u l-edukazzjoni taħt ir-responsabbiltà tiegħi. U se nindirizza kif xieraq is-segregazzjoni orizzontali fis-suq tax-xogħol. Dawn huma raġunijiet importanti fil-qalba tad-differenza fil-pagi bejn l-irġiel u n-nisa. Li negħlbu d-disparitajiet bejn il-ġeneri fl-edukazzjoni STEM se jkun wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-Pjan Strateġiku għall-Edukazzjoni STEM. Il-metodoloġiji adegwati ta' taġħlim u apprendiment jistgħu jżidu l-motivazzjoni, l-interess u l-parteciċipazzjoni tal-istudenti kollha — inkluż tal-bniet — fl-iSTEM. L-edukazzjoni tal-għalliema li tkun sensitiva għall-ġeneru tista' tgħin biex jingħelbu l-ostakli istituzzjonali u jiġi promoss aċċess usa' għall-edukazzjoni STEM. Inizjattivi bħal "Girls Go Circular" jistgħu jiġu żviluppanti aktar permezz ta' taħriġ speċjalizzat għall-edukaturi fis-suġġetti STEM, li jipprovdu aċċess għal għodda ta' taġħlim u networking, u li jgħaqqdu l-edukazzjoni u l-industrija.

Huwa importanti li jiġu kkunsidrati l-isfidi tal-ugwaljanza, inkluża l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-ħidma lejn Strateġija tal-UE Kontra l-Faqar. Sabiex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni ta' dawg l-aktar vulnerabbli, inklużi l-

persuni mingħajr dar, l-ommijiet waħedhom, u l-persuni b'diżabilità, hemm bżonn naraw x'se nagħmlu dwar il-kawżi ewlenin tal-faqar. F'konformità mal-paradigma ta' inklużjoni attiva, beħsiebni nqis fatturi bħal introjtu insuffiċjenti, lakuni fl-aċċess għas-suq tax-xogħol u lakuni fl-aċċess għal servizzi soċjali u essenzjali, bħall-enerġija u t-trasport. Dawn il-lakuni spiss ikunu jiddependu mill-ġeneru.

Azzjonijiet li jappoġġaw parteċipazzjoni oġhla tan-nisa fis-suq tax-xogħol jgħinu biex titnaqqas ukoll id-differenza bejn il-pensjonijiet tal-irġiel u tan-nisa, li primarjament tirrifletti l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri matul il-ħajja tax-xogħol u l-kapaċità ridistributtiva tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħna. Għandna wkoll inkomplunimmonitorjaw id-differenzi fil-pensjonijiet u nagħtu attenzjoni speċjali lill-inugwaljanzi strutturali, id-diskriminazzjoni u l-preġudizzji bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet tax-xjuħija.

Il-kura hija fiċ-ċentru tal-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u hija parti ċentrali mis-soluzzjoni.

Naraw piż sproporzjonat mir-responsabbiltajiet ta' kura li jħalli impatt fuq jekk u kif in-nisa jkunux jistgħu jwettqu xogħol imħallas. Sabiex nappoġġaw il-parteeipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol matul il-ħajja, irridu niżguraw servizzi ta' kura ta' kwalità għolja, affordabbli u aċċessibbli kullimkien fl-UE, u ntejbu s-sitwazzjoni kemm għal dawk li jirċievu l-kura kif ukoll għall-persuni li jieħdu ħsiebhom b'mod professjonali jew informali. Għaldaqstant se nkompli nsaħħaħ il-ħidma fuq l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea għall-Kura u, b'mod partikolari, iż-żewġ Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u l-indukrar bikri tat-tfal, u dwar il-kura fit-tul.